

**ID-DIRETTIVA 2004/8/KE TAL-PALAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-11 ta' Frar 2004**

**fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija,
li temenda d-Direttiva 92/42/KEE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽³⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Il-potenzjal għal użu tal-koġenerazzjoni bħala miżura biex tfaddal l-enerġija hija sottoutilizzata fil-Komunità fil-preżent. Il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja bbażata fuq id-domanda għal sħana utli hija prijorità tal-Komunità minħabba il-benefiċċji potenzjali tal-koġenerazzjoni b'rigward lejn it-tfaddil ta' l-enerġija primarja, tevita telf min-networks u tnaqqas l-emissjonijiet, partikolarment ta' gassijiet serra. Barra dan, l-użu effiċjenti ta' l-enerġija bil-koġenerazzjoni jista' jikkontribwixxi pożittivament ukoll għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u għas-sitwazzjoni kompetittiva ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Huwa għalhekk neċessarju li jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-potenzjal huwa esplojtat aħjar ġewwa l-kwadru tas-suq intern ta' l-enerġija.
- (2) Id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 ⁽⁵⁾ tistabbilixxi regoli komuni għal-ġenerazzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni u provvista ta' l-elettriċità ġewwa s-suq intern fl-elettriċità. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp tal-koġenerazzjoni jikkontribwixxi għat-tijieb tal-Kompetizzjoni, ukoll b'rigward lejn atturi tas-suq ġodda.
- (3) Il-Karta l-Ħadra intitolata "Lejn strateġija Ewropea għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija" tagħmilha ċara li l-Unjoni Ewropea hija dipendenti ħafna fuq il-formituri ta' enerġija esterni preżentament responsabbli għal 50 % tal-ħtieġijiet u proġettazzjoni li jgħollew sa 70 % sa l-2030 jekk it-tendenzi jippersistu. Id-dipendenza fuq l-importazzjoni u proporzjonijiet ta' importazzjoni dejjem jiżdiedu jintensifikaw ir-riskju ta' interruzzjoni għal jew

diffukultajiet fil-provvista. Madankollu, sigurtà tal-provvista m'għandix tkun konċepita bħala biss kwistjoni ta' riduzzjoni ta' dipendenza u inkoraġġiment tal-produzzjoni domestika. Is-sigurtà tal-provvista isejjaħ għall-għażla vasta ta' inizzjattivi politiċi mmirati lejn, inter alia, diversifikazzjoni ta' eġhjun u teknoloġiji u titjeb fir-relazzjonijiet internazzjonali. The Green Paper emfasizat barra dan li s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija hija essenzjali għal żvilupp sostenibbli futur. The Green Paper tikkonkludi li l-addozzjoni ta' miżuri ġodda biex tnaqqas id-domanda għall-enerġija hija essenzjali kemm skond it-tnaqqas tad-dipendenza fuq import u sabiex tillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. F'din ir-riżoluzzjoni tal-15 ta' Novembru 2001 fuq il-Karta il-Ħadra ⁽⁶⁾, l-Parlament Ewropew sejjaħ għal inċentivi biex jinkoraġixxu moviment lejn impjanti ta' produzzjoni ta' l-enerġija iktar effiċjenti, inklużi ġenerazzjoni kombinata ta' enerġija elettrika u termali.

- (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa Sostenibbli għal dinja aħjar – Strateġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-Żvilupp Sostenibbli" preżentata fil-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 identifikat il-kambjament fil-klima bħala wieħed mill-ostakoli prinċipali għall-iżvilupp sostenibbli u emfasizzat il-bżonn għal żieda fl-użu ta' enerġija nadifa u azzjoni ċara biex tinaqqas id-domanda għall-enerġija.
- (5) L-użu miżjud tal-koġenerazzjoni mmirat lejn it-tfaddil ta' enerġija primarja tista' tikkontribwixxi parti importanti tal-pakkett tal-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mal-Protokoll ta' Kyoto għall-Kwadru tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq Kambjamenti tal-Klima, u ta' kull pakkett ta' politiki li jilhqqu impenji ulterjuri. Il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha fuq l-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi tal-Program Ewropew tal-Kambjament tal-Klima ddentifikat il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni bħala waħda mill-miżuri meħtieġa biex jitnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur ta' l-enerġija u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tipperżenta l-proposta tagħha għad-Direttiva fuq il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni fl-2002.
- (6) Fir-Riżoluzzjoni tagħha tal-25 ta' Settembru 2002 fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi tal-Program Ewropew tal-Kambjament tal-Klima ⁽⁷⁾, l-Parlament Ewropew laqa' l-idea li jissottometti proposta biex isaħħaħ l-miżuri tal-Komunità biex jippromovi l-użu ta' ġenerazzjoni kombinata ta' enerġija elettrika u termali (CHP) u sejjaħ għal addozzjoni fil-pront ta' Direttiva fuq il-promozzjoni ta' CHP.

⁽¹⁾ ĠU C 291 E, tas-26.11.02, p. 182.

⁽²⁾ ĠU C 95, tat-23.04.03, p. 12.

⁽³⁾ ĠU C 244, ta' l-10.10.03, p. 1.

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2003 (għad mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2003 (għad mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2003 (għad mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ ĠU L 176, tal-15.07.03, p. 37.

⁽⁶⁾ ĠU C 140 E, tat-13.06.02, p. 543.

⁽⁷⁾ ĠU C 257, ta' l-10.10.96, p. 26.

- (7) L-importanza tal-koġenerazzjoni ġiet rikonoxxuta ukoll mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997 ⁽¹⁾ u mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 1998 ⁽²⁾ fuq strateġija tal-Komunità biex tippromovi ġenerazzjoni kombinata ta' enerġija elettrika u termali.
- (8) Il-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Mejju 2000 u tal-5 ta' Diċembru 2000 approva l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni fuq l-effiċjenza ta' l-enerġija u didentifika l-promozzjoni tal-koġenerazzjoni bħala waħda mill-oqsma ta' prijorità ta' skadenza qasira. Il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2001 fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija ⁽³⁾ sejjaħ fuq il-Kummissjoni biex tissottometti proposti li jistabbilixxu regoli komuni għal promozzjoni tal-koġenerazzjoni, fejn dan jagħmel sens ambjentalment.
- (9) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tiġġiż integrat ⁽⁴⁾, id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 fuq il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' ċerti pollutanti fl-arja minn impjanti ta' kombustjoni kbira ⁽⁵⁾ u d-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 fuq l-inċinerazzjoni ta' l-iskart ⁽⁶⁾ enfasizzaw il-bżonn li jevalwaw il-potenzal għal koġenerazzjoni f'installazzjonijiet ġodda.
- (10) Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq il-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-bini ⁽⁷⁾ teħtieġ l-Istati Membri li jiżguraw li għal bini ġdid b' erja tal-paviment utli totali ta' iktar minn 1 000 m², il-prattikabbiltà teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi, bħal koġenerazzjoni ta' enerġija elettrika u termali, hija kkunsidrat u meħuda qies tagħhom qabel tibda l-konstruzzjoni.
- (11) Koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja hija f'din id-Direttiva definita mit-tfaddil ta' enerġija miksuba bi produzzjoni kombinata minflok produzzjoni separata ta' sħana u elettriċità. Tfaddil ta' enerġija ta' iktar minn 10 % jikkwalifikaw għat-terminu "koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja". Biex tkabbar it-tfaddil ta' enerġija u biex tevita li t-tfaddil ta' l-enerġija jintilef, l-akbar attenzjoni trid tingħata lill-kondizzjonijiet tal-ħidma ta' l-unitajiet ta' koġenerazzjoni.
- (12) Fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tat-tfaddil ta' enerġija primarja, huwa importanti li jittieħed qies tas-sitwazzjoni ta' l-Istati Membri li fihom l-iktar konsum ta' elettriċità huwa koprut mill-importazzjoni.
- (13) Huwa importanti għat-trasparenza li jaddottaw definizzjoni bażika armonizzata ta' koġenerazzjoni. Billi l-installazzjonijiet tal-koġenerazzjoni huma mgħammra biex jiġġeneraw produzzjoni separata ta' elettriċità jew sħana, produzzjoni bħal din m'għandix tkun speċifikata bħala koġenerazzjoni għal ħruġ ta' garanzija ta' l-orijini u għall-skopijiet ta' statistika.
- (14) Biex tiżgura li appoġġ għal koġenerazzjoni fil-kuntest tad-Direttiva huwa bbażat fuq id-domanda għal sħana utli u t-tfaddil ta' enerġija primarja, huwa neċessarju li titwaqqaf kriterja biex tistabilixxi u tagħmel stima ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni didentifika taħt id-definizzjoni bażika.
- (15) L-għan ġenerali ta' din id-Direttiva għandu jkun li tistabilixxi metodu armonizzat għal kalkolazzjoni ta' l-elettriċità mill-koġenerazzjoni u linji gwida neċessarji għall-implimentazzjoni tagħha, tieħu qies tal-metodoloġiji bħal dawk bħalissa taħt żvilupp mill-organizzazzjonijiet ta' standardazzjoni Ewropej. Dan il-metodu għandu jkun aġġustat biex jieħ u qies tal-progress tekniku. L-Applikazzjoni tal-kalkolazzjonijiet fl-Annessi II u III għal unitajiet tal-mikro-koġenerazzjoni jistgħu, skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, jkunu bbażati fuq valuri li rriżultaw minn proċess ta' ttestjar iċċertifikat minn korp kompetenti, indipendenti.
- (16) Id-definizzjonijiet ta' koġenerazzjoni u koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja użati f'din id-Direttiva ma jiġġudikawx minn qabel l-użu ta' definizzjonijiet differenti fil-leġislazzjoni nazzjonali, għall-iskopijiet għajr dawk iddikjarati f'din id-Direttiva. Huwa addattat li jissellfu barra dawn id-definizzjonijiet relevanti li jinsabu fid-Direttiva 2003/54/KE u fid-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriċità prodotta minn egħjun ta' enerġija li tiġġedded fis-suq intern ta' l-elettriċità ⁽⁸⁾.
- (17) Tkejjel il-produzzjoni ta' sħana utli fl-istadju tal-produzzjoni ta' l-impjant ta' koġenerazzjoni tenfasizza l-bżonn li tiżgura li l-vantaġġi tal-koġenerazzjoni ta' sħana utli mhumiex mitlufa f'telfiet ta' sħana għolja minn networks ta' distribuzzjoni.
- (18) Il-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali huwa karatteristika teknika li teħtieġ li tiġi definita sabiex tikkalkola l-ammont ta' elettriċità minn koġenerazzjoni.
- (19) Għal fini ta' din id-Direttiva, d-definizzjoni ta' "unitajiet ta' koġenerazzjoni" tista' tinkludi ukoll apparat li fih enerġija elettrika jew enerġija termali biss tista' tiġi ġġenerata, bħal unitajiet awżiljarji ta' ħruq u ta' wara l-ħruq. Il-produzzjoni minn apparat bħal dan m'għandhix tiġi kkunsidrat bħala koġenerazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' orijini u għall-finijiet statistiċi.

(1) ĠU L 309, tas-27.11.01, p. 1.

(2) ĠU L 332, tat-28.12.00, p. 91.

(3) ĠU C 37, tat-03.02.01, p. 3.

(4) ĠU C 273 E, ta' l-14.11.03, p. 172.

(5) ĠU C 4, tat-08.01.98, p. 1.

(6) ĠU C 167, ta' l-01.06.98, p. 308.

(7) ĠU C 343, tal-05.12.01, p. 190.

(8) ĠU L 1, ta' l-04.01.03, p. 65.

- (20) Id-definizzjoni ta' "koġenerazzjoni ta' skala żgħira" tinkludi, inter alia, mikro-koġenerazzjoni u unitajiet ta' koġenerazzjoni distribwita bħal unitajiet ta' koġenerazzjoni li jfornu postijiet iżolati jew domandi residenzali, kummerċjali jew industrijali limitati.
- (21) Biex tkabbar it-trasparenza għal għażla tal-konsumatur bejn l-elettriċità minn koġenerazzjoni u elettriċità prodotta fuq bażi ta' tekniki oħra, huwa neċessarju li tiżgura li, fuq bażi ta' valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza armonizzata, l-orijini tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tista' tiġi garantita. Skemi għal garanzija ta' l-orijini waħidhom ma jimplikawx dritt li jibbenefikaw minn mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali.
- (22) Huwa importanti li l-forom ta' l-elettriċità prodotti minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jistgħu jiġu kopritti minn garanziji ta' l-orijini. Huwa importanti li tiddistingwi b'mod ċar garanziji ta' l-orijini minn ċertifikati skambjabbli.
- (23) Biex tiżgura penetrazzjoni fis-suq tal-koġenerazzjoni ikbar fi żmien medju, huwa addattat li tirrikjedi l-Istati Membri kollha li jaddottaw u jipubblikaw rapport li janalizza il-potenzal nazzjonali għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u li tinkludi analiżi separata ta' ostakoli għal koġenerazzjoni fir-rapport, u ta' miżuri meħuda biex jiżguraw il-kredibbiltà tas-sistema tal-garanzija.
- (24) L-appoġġ pubbliku għandu jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tal-Komunità fuq għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ta' l-ambjent⁽¹⁾, inkluż fir-rigward ta' non-kumulazzjoni ta' l-għajnuna. Dawn il-linji gwida preżentament iħallu ċertu tip ta' appoġġ pubbliku jekk jista' jiġi esibit li l-miżuri ta' appoġġ huma ta' benefiċċju skond il-protezzjoni ta' l-ambjent minħabba li l-konverżjoni ta' l-effiċjenza hija partikolarment għolja, minħabba li l-miżuri ser iħalli l-konsum ta' l-enerġija jiġi mnaqqas jew minħabba l-proċess ta' produzzjoni ser ikun inqas ta' ħsara għall-ambjent. Appoġġ bħal dan ser f'xi każi jkun neċessarju biex tespjotja iktar il-potenzal għal koġenerazzjoni, partikolarment biex tieħu qies għal bżonn biex tassimila spejjeż esterni.
- (25) Skemi ta' appoġġ pubbliċi biex jippromovu koġenerazzjoni għandhom jiffokaw primarjament fuq appoġġ għal koġenerazzjoni bbażata fuq domanda għal tisħin u tkessiħ ekonomikament ġustifikata.
- (26) L-Istati Membri iħaddmu mekkaniżmi differenti ta' appoġġ għal koġenerazzjoni flivell nazzjonali, inkluż għajnuna għal investiment, eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet ta' taxa, ċertifikati hodur u skemi ta' appoġġ għal prezzijiet diretti. Mezz importanti biex totjeni l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiggarantixxi l-ħidma kif suppost ta' dawn il-mekkaniżmi, sakemm kwadru armonizzat tal-Komunità jiġi mħaddem, sabiex iżomm l-kunfidenza ta' l-investitur. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li ssegwi s-sitwazzjoni u
- tirraporta fuq l-esperjenzi akkwistati mill-applikazzjoni ta' l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali.
- (27) Għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriċità minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(1), (2) u (5) tad-Direttiva 2001/77/KE kif ukoll dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/54/KE għandhom japplikaw. Sakemm il-produttur tal-koġenerazzjoni huwa klijent eliġibbli skond il-leġislazzjoni nazzjonali fis-sens ta' l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/54/KE, tariffi relatati max-xiri ta' elettriku addizzjonali kultant meħtieġ minn produttori ta' koġenerazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond il-kriterja oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja. Speċjalment għal unitajiet ta' skala żgħira u mikro-koġenerazzjoni aċċess għas-sistema tal-grilja ta' l-elettriċità magħmula minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tista' tiġi faċilitata bla ħsara għal notifiċi lill-Kummissjoni.
- (28) Ġeneralment, unitajiet ta' koġenerazzjoni sa 400 kW jaqgħu fid-definizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 fuq il-ħtieġijiet ta' effiċjenza għal tankijiet ġodda fejn jinżamm ilma sħun mqabbdha b'karburanti likwidi jew gassużi⁽²⁾ mhumiex probabbli li jilhqgħu l-ħtieġijiet ta' l-effiċjenza (minimi f'dan ir-rigward u għandhom għalhekk jiġu esklużi minn dik id-Direttiva.
- (29) L-istruttura speċifika tas-settur tal-koġenerazzjoni, li jinkludi ħafna produttori ta' daqs żgħir jew medju, għandhom jieħdu qies, speċjalment meta jirevedu l-proċeduri amministrattivi biex jiksbu l-permess biex jibnu l-kapaċità tal-koġenerazzjoni.
- (30) Fl-iskop ta' din id-Direttiva biex toħloq kwadru biex tippromovi l-koġenerazzjoni huwa important il-tenfasizza l-bżonn ta' ambjent ekonomiku u amministrattiv stabbli għal investimenti f'installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni ġodda. L-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġati biex jindirizzaw dan il-bżonn billi jiddisinjaw skemi ta' appoġġ b' perjodu durattiv ta' mill-inqas erbgħa snin u billi jevitaw kambjamenti frekwenti fil-proċeduri amministrattivi eċċ. L-Istati Membri għandhom barra dan jiġu inkoraġġati biex jiżguraw li l-iskemi ta' appoġġ pubbliċi jirrispettaw il-prinċipju ta' eliminazzjoni progressiva.
- (31) L-effiċjenza totali u s-sostenibbiltà tal-koġenerazzjoni hija dipendenti fuq ħafna fatturi, bħal teknoloġija użata, tipi ta' karburant, *load curves*, il-qies ta' l-unità, u ukoll fuq il-proprietajiet tas-sħana. Għal raġunijiet prattiċi u bbażati fuq il-fatt, li l-użu tal-produttur tas-sħana għal skopijiet differenti jeħtieġ livelli ta' temperatura ta' sħana differenti, u li dawn u differenzi oħra jinfluwenzaw l-effiċjenzi tal-koġenerazzjoni, l-koġenerazzjoni tista' tkun diviża fi klassijiet bħal: "koġenerazzjoni industrijali", "koġenerazzjoni ta' tisħin" u "koġenerazzjoni agrikolturali".

(1) ĠU L 283, tas-27.10.01, p. 33.

(2) ĠU L 167, tat-22.6.1992, p. 17. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1).

- (32) Skond il-prinċipji tas-sussidjarità u l-proporzjonalità kif iddikjarati fl-Artikolu 5 tat-Trattat, prinċipji ġenerali li jipprovdu kwadru għal promozzjoni tal-koġenerazzjoni fis-suq intern ta' l-enerġija għandhom jiġu stabbiliti fil-livell Komunitarju, imma l-implimentazzjoni dettaljata għandha titħalla lill-Istati Membri, għalhekk tippermetti lil kull Stat Membru li jagħżel ir-reġim, li l-aħjar jikkorrispondi għas-sitwazzjoni tiegħu partikolari. Din id-Direttiva tillimita lilha nnfisha għal minimu rikjest sabiex totjeni daww l-għanijiet u ma tmurx oltre dak li hu neċessarju għal dak l-iskop.
- (33) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tal-poteri konferiti lill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Għan

L-għan ta' din id-Direttiva hu li jkabbar l-effiċjenza ta' l-enerġija u jtejjeb is-sigurtà tal-provvista billi joħloq kwadru għal promozzjoni u żvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ta' enerġija elettrika u termali bbażata fuq id-domanda għal sħana utli u t-faddil ta' enerġija primarja fis-suq intern ta' l-enerġija, tiegħu qies taċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi speċjalment li jikkonċernaw l-kondizzjonijiet klimatiki u ekonomiċi.

Artikolu 2

L-Ambitu

Din id-Direttiva għandha tapplika għal koġenerazzjoni kif definita fl-Artikolu 3 u teknoloġiji ta' koġenerazzjoni elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3

Id-Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) "koġenerazzjoni" għandha tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta' enerġija termali u elettrika u/jew enerġija mekkanika;
- (b) "sħana utli" għandha tfisser sħana prodotta fi proċess ta' koġenerazzjoni biex tissodisfa domanda ekonomikament ġustifikabbli għal tisħin u tkessiħ;
- (c) "domanda ekonomikament ġustifikabbli" għandha tfisser id-domanda li ma taqbiżx il-bżonnijiet għal sħana jew tkessiħ u li minn naħa l-oħra jistgħu jiġu soddisfatti f'kondizzjonijiet tas-suq bi proċessi ta' ġenerazzjoni ta' enerġija għajr daww ta' koġenerazzjoni;
- (d) "elettriċità minn koġenerazzjoni" għandha tfisser elettriċità ġenerata fil-proċess marbut mal-produzzjoni ta' sħana utli u kkalkolat skond il-metodoloġija stabbilita fl-Anness II;

- (e) "elettriċità *back-up*" għandha tfisser l-elettriċità provduta mill-grilja ta' l-elettriċità kullmeta l-koġenerazzjoni tiġi sfrattata, inklużi perjodi ta' manutenzjoni, jew ma taħdimx;
- (f) "elettriċità *top-up*" għandu jfisser l-elettriċità provdut mill-grilja ta' l-elettriċità fil-każ meta d-domanda għall-elettriċità hija ikbar mill-produzzjoni ta' l-elettriċità tal-proċess ta' koġenerazzjoni;
- (g) "effiċjenza totali" għandha tfisser is-somma annwali ta' produzzjoni ta' elettriċità u enerġija mekkanika u l-porduzzjoni ta' sħana utli diviżi bid-dħul ta' karburant użat għal sħana prodotta fil-proċess ta' koġenerazzjoni u produzzjoni gross ta' elettriċità u enerġija mekkanika;
- (h) "effiċjenza" għandha tfisser effiċjenza kalkolata fuq il-bażi ta' "valuri nett kalorifiċi" ta' karburanti (msejħa ukoll "valuri kalorifiċi iktar baxxi");
- (i) "koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja" għandha tfisser koġenerazzjoni li tilħaq il-kriterja ta' l-Anness III;
- (j) "valur ta' referenza ta' l-effiċjenza għall-produzzjoni separata" għandha tfisser effiċjenza ta' produzzjonijiet separati alternattivi ta' sħana u elettriċità li l-proċess ta' koġenerazzjoni huwa intiż li jissostitwixxi;
- (k) "proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali" għandha tfisser il-proporzjon bejn l-elettriċità minn koġenerazzjoni u sħana utli meta jaħdem f'mod ta' koġenerazzjoni kompluta li juża data operazzjonali ta' l-unità speċifika;
- (l) "unità ta' koġenerazzjoni" għandha tfisser unità li tista' topera fil-mod ta' koġenerazzjoni taħt il-50 kWe(m) ;
- (n) "koġenerazzjoni ta' skala żgħira" għandha tfisser unitajiet ta' koġenerazzjoni b' kapaċità installata taħt 1 MW_e;
- (o) "produzzjoni tal-koġenerazzjoni" għandha tfisser is-somma ta' elettriċità u enerġija mekkanika ushana utliminn koġenerazzjoni.

Barra dan, id-definizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2003/54/KE, u fid-Direttiva 2001/77/KE għandhom japplikaw.

Artikolu 4

Il-Kriterja ta' effiċjenza tal-koġenerazzjoni

1. Għall-fini tad-determinazzjoni ta' l-effiċjenza tal-koġenerazzjoni skond l-Anness III, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14 ⁽²⁾, mhux aktar tard mill-21 ta' Frar 2006, tistabbilixxi valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għal produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana. Dawn il-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għandhom jikkonsistu f'matriċi ta' valuri diverżanti b' fatturi rilevanti, inklużi s-sena ta' kostruzzjoni u t-tipi ta' karburant, u jridu jkunu bbażata fuq analiżi dokumentata sew li tiegħu, inter alia, qies tad-data minn użu operazzjonali taħt kondizzjonijiet realistiki, skambju ta' elettriċità mingħajr fruntieri, taħlit ta' karburanti u kondizzjonijiet tal-klima kif ukoll teknoloġiji ta' koġenerazzjoni applikata skond il-prinċipji fl-Anness III.

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.07.99, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 275, tal-25.10.03, p. 32.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fil-Artikolu 14 ⁽¹⁾, tirrevedi l-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għal produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana msemmija fil-paragrafu 1, għal-ewwel darba fil-21 ta' Frar 2011, u kull erbgħa snin minn dakinhar, biex tiegħu qies ta' l-iżviluppi teknoloġiċi u kambjamenti fid-distribuzzjoni ta' l-egħjun ta' l-enerġija.

3. L-Istati Membri li jimplementaw din id-Direttiva qabel l-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għal produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana msemmija fil-paragrafu 1, għandhom, sad-data msemmija fil-paragrafu 1, jaddottaw valuri ta' referenza ta' effiċjenza nazzjonali tagħhom għal produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana li ser jiġu użati għal kalkolazzjoni tat-tfaddil ta' enerġija primarja minn koġenerazzjoni skond il-metodoloġija ddikjarat fl-Anness III.

Artikolu 5

Il-Garanzija ta' l-orijini ta' l-elettriċità minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja

1. Fuq il-bażi ta' valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Istati Membri għandhom, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-addozzjoni ta' dawn il-valuri, jiżguraw li l-orijini ta' l-elettriċità prodott minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jistgħu jkunu garantiti skond kriterja oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja stabbilita minn kull Stat Membru. Għandhom jiżguraw li din il-garanzija ta' orijini ta' l-elettriċità tawtorizza l-produtturi li juru li l-elettriċità li huma jbiegħu huwa prodott minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u hija maħruġa għal dan l-effett bi tweġiba għat-talba mill-produttur.

2. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw wieħed jew iktar korpi kompetenti, indipendenti mill-koġenerazzjoni u mid-distribuzzjoni ta' l-attivajiet, biex jissorveljaw il-ħruġ tal-garanzija ta' l-orijini msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti għandhom jagħmlu f'pothom mekkaniżmi addattati biex jiżguraw li l-garanzija ta' orijini hija kemm eżatta u kredibbli u huma għandhom jipponu fir-rapport msemmi fl-Artikolu 10(1) il-miżuri meħuda biex jiżguraw il-kredibbiltà tas-sistema ta' garanzija.

4. Skemi għall-garanzija ta' orijini minnhom innfushom ma jimplikawx dritt li jibbenefikaw minn mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali.

5. Garanzija ta' orijini għandha:

- tispeċifika l-valur l-iktar baxx kalorifiku ta' l-egħjun tal-karburantli minnu l-elettriċità ġie prodott, tispeċifika l-użu tas-sħana ġġenerata flimkien ma' l-elettriċità u finalment tispeċifika d-dati u l-postijiet tal-produzzjoni,
- tispeċifika l-kwantità ta' elettriċità minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja skond l-Anness II li l-garanzija tirrapreżenta,
- tispeċifika t-tfaddil ta' enerġija primarja kalkolati skond l-Anness III ibbażati fuq il-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata stabbiliti mill-Kummissjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(1).

L-Istati Membri jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali fuq il-garanzija ta' orijini.

6. Garanziji ta' l-orijini bħal dawn, kwistjonijiet (or materja) skond paragrafu 1, għandhom jkunu rikonossuti reċiprokament mill-Istati Membri, esklusivament bħala prova ta' l-elementi msemmija fil-paragrafu 5. Kull rifjut li jirrikonoxu l-garanzija ta' orijini bħal prova, partikolarment għal raġunijiet ta' prevenzjoni ta' frodi, trid tkun ibbażata fuq kriterja oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja.

Fil-każ ta' rifjut li jirrikonoxu l-garanzija ta' orijini, l-Kummissjoni tista' tikkostriġi lil parti li rrifjutat li tirrikonoxija, partikolarment fir-rigward ta' kriterja oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja fuq liema rikonossiment bħal dan huwa bbażata.

Artikolu 6

Potenzali nazzjonali għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu analiżi tal-potenzal nazzjonali għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, inkluż mikro-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

2. L-analiżi għandha:

- tkun ibbażata fuq data xjentifika u dokumentata sew u tikkonforma mal-kriterja elenkata fl-Anness IV,
- tidentifika il-potenzal kollu għal domandi ta' tisħin u tkessiħ utli, addattati għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, kif ukoll id-dispożizzjoni ta' karburanti u riżorsi ta' enerġija oħra li ser jiġu użati fil-koġenerazzjoni,
- tinkludi analiżi ta' l-ostakoli separati, li tista' tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-potenzal nazzjonali tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. Partikolarment, din l-analiżi għandha tikkonsidra l-ostakoli relatati mal-prezzijiet u spejjeż ta' u aċċess għal karburanti, ostakoli b'relazzjoni ma' kwistjonijiet tas-sistema ta' grilja, ostakoli b'relazzjoni ma' proċeduri amministrattivi, u ostakoli li jirrelataw man-nuqqas ta' internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni fil-prezzijiet ta' l-enerġija.

3. L-Istati Membri għandhom għall-ewwel darba mhux iktar tard mill-21 ta' Frar 2007 u minn dakinhar kull erbgħa snin, wara talba mill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel il-ġurnata ta' l-egħluq, jevalwaw il-progress lejn it-tkabbir tas-sehem tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

Artikolu 7

Skemi ta' appoġġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li appoġġ għal koġenerazzjoni – unitajiet eżistenti u futuri – huwa bbażat fuq id-domanda għal sħana utli u tfaddil ta' enerġija primarja, fid-dawl ta' l-opportunitajiet għad-dispożizzjoni għat-tnaqqis fid-domanda ta' l-enerġija minn miżuri ekonomikament prattiċi jew ambjentalment vantaġġu oħra bħal miżuri ta' effiċjenza ta' l-enerġija oħra.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' appoġġ użati mill-Istati Membri skond liema l-produttur tal-koġenerazzjoni jirċievi, fuq il-bażi ta' regolamenti maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi, appoġġ dirett jew indirett, li jista' jkollu l-effett li jirrestrinġi l-kummerċ.

⁽¹⁾ ĠU L 52, tal-21.02.04, p. 50.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra jekk dawk il-mekkaniżmi jikkontribwixxu għall-insegwiment ta' l-għanijiet iddikjarati fl-Artikoli 6 u 174(1) tat-Trattat.

3. Il-Kummissjoni għandha fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 11 tippreżenta analiżi dokumentata sew fuq l-esperjenza akkwistata bl-applikazzjoni u l-koeżistenza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ differenti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Ir-rapport għandu jistima s-suċċess, inkluż effettiv, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż, ta' sistemi ta' appoġġ fil-promozzjoni ta' l-użu ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja skond il-potenzjali nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6. Ir-rapport għandu jkun rivedut iktar f'liema l-iskemi ta' appoġġ ikkontribwew għall-kreazzjoni ta' kondizzjonijiet stabbli għall-investment fil-koġenerazzjoni.

Artikolu 8

Is-Sistema ta' grilja ta' l-elettriċità u l-ħruġ ta' tariffi

1. Għall-fini li jiżguraw it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriċità prodott minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(1), (2) u (5) ta' Direttiva 2001/77/KE kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/54/KE għandhom japplikaw.

2. Sakemm il-produttur tal-koġenerazzjoni huwa klijent eliġibbli skond il-leġislazzjoni nazzjonali fis-sens ta' l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/54/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li t-tariffi għax-xiri ta' l-elettriċità biex jkollha *back-up* jew *top-up* tal-koġenerazzjoni ta' l-elettriċità huma stabbiliti fuq il-bażi ta' tariffi u termini u kondizzjonijiet ippubblikati.

3. Bla ħsara għan-notifiki lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu partikolarment jiffaċilitaw l-aċċess għall-sistemi ta' grilja ta' l-elettriċità prodotti minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja minn unitajiet ta' skala żgħira u mikro koġenerazzjoni.

Artikolu 9

Proċeduri ta' amministrazzjoni

1. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura mill-Istati Membri għandhom jevalwaw il-kwadru regolamentarju u leġislattiv eżistenti fir-rigward ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni jew proċeduri oħra stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/54/KE, li huma applikabbli għal unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

Evalwazzjoni bħal din għandha tkun magħmula bl-intenzjoni li:

- tinkoraġixxi d-disinn ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni biex jaqblu mad-domandi ekonomikament ġustifikabbli għal produzzjoni ta' sħana utli u biex tevita produzzjoni ta' iktar sħana minn sħana utli;
- tnaqqs l-ostakoli regolatorji u mhux regolatorji biex żieda fil-koġenerazzjoni;
- torganizza aħjar u tħaffef proċeduri fil-livell amministrattiv addattat; u
- tiżgura li r-regoli huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, u tiegħu qies kompletament tal-partikolaritajiet tat-teknoloġija ta' koġenerazzjoni varji.

2. L-Istati Membri għandhom – fejn ikun addattat fil-kuntest tal-leġislazzjoni nazzjonali – jipprovdu indikazzjoni ta' l-istadju milħuq speċifikament fil-:

- kordinazzjoni bejn il-korpi amministrattivi differenti fir-rigward ta' skadenzi, riċeviment u trattament ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet;
- it-tfassil ta' linji gwida possibbli għall-attivitajiet msemmija f' paragrafu 1, u l-prattikabbiltà ta' proċedura ta' pjannar veloċi għal produtturi ta' koġenerazzjoni; u
- in-nominazzjoni ta' awtoritajiet biex jaġixxu bħala medjaturi f'kontroversji bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet u applikanti għall-awtorizzazzjonijiet.

Artikolu 10

L-Istati Membri jirraportaw

1. L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mill-21 ta' Frar 2006, jipubblikaw rapport bir-riżultati ta' l-analiżi u l-evalwazzjonijiet eżegwiti skond l-Artikoli 5(3), 6(1), 9(1) u 9(2).

2. L-Istati Membri għandhom mhux aktar tard mill-21 ta' Frar 2007 u minn dakinhar kull erbgħa snin, wara t-talba mill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel id-data ta' l-egħluq, jipubblikaw rapport bir-riżultat ta' l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(3).

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba qabel l-aħħar ta' Diċembru 2004 covering data għas-sena 2003, u minn dakinhar ta' kull sena, statistiċi dwar il-produzzjoni ta' elettriċità nazzjonali u ta' sħana minn koġenerazzjoni, skond il-metodoloġija esibita fl-Anness II.

Huma għandhom ukoll jissottomettu statistiċi annwali fuq kapaċitajiet u karburanti ta' koġenerazzjoni użati għal koġenerazzjoni. L-Istati Membri jistgħu ukoll jissottomettu statistiċi fuq it-tfaddil ta' enerġija primarja ottenuti bl-applikazzjoni tal-koġenerazzjoni, skond il-metodoloġija esibita fl-Anness III.

Artikolu 11

Rapportaġġ mill-Kummissjoni

1. Fuq il-bażi tar-rapporti sottomessi skond l-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottometti lil Parlament Ewropew u l-Kunsill mhux iktar tard mill-21 ta' Frar 2008 u minn dakinhar kull erbgħa snin, rapport ta' progress fuq l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Partikolarment, ir-rapport għandu:

- jikkonsidra l-progress lejn l-irrealizzar tal-potenzjali nazzjonali għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja msemmija fl-Artikolu 6;
- jaġmel stima tal-punt li miegħu r-regoli u proċeduri li jiddefinixxu il-kwadru tal-kondizzjonijiet għal koġenerazzjoni fis-suq intern ta' l-enerġija huma stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterja oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorja tiegħu l-qies dovut tal-benefiċċj tal-koġenerazzjoni;

- (ċ) jeżamina l-esperjenzi akkwistati bl-applikazzjoni u l-koeżistenza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għal koġenerazzjoni differenti;
- (d) jirrevedi il-valur ta' referenza ta' effiċjenza għal produzzjoni separata fuq il-bażi ta' teknoloġiji kurrenti.

Jekk addattat, il-Kummissjoni għandha tissottometti mar-rapport proposti ulterjuri lill-Parlament Ewropew u lil Kunsill.

2. Meta tevlwa l-progress msemmi fil-paragrafu 1(a), il-Kummissjoni għandha tikkonsidra sa' liema miżura l-potenzali nazzjonali għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, msemmija fl-Artikolu 6, ġew jew huma previsti li jiġu realizzati taking into account il-miżuri u l-kondizzjonijiet ta' l-Istati Membri, inklużi kondizzjonijiet klimatiċi, u l-impatti tas-suq intern ta' l-enerġija u l-implikazzjonijiet ta' inizjattivi oħra tal-Komunità bħad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema ta' konċessjoni għall-emissjonijiet ta' *greenhouse gas* negozjata ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE(19).

Jekk addattat, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti ulterjuri lill-Parlament Ewropew u lil Kunsill, notevolment timmira lejn l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja fil-Komunità.

3. Meta tevalwa l-iskop għall-armonizzazzjoni ulterjuri ta' metodi ta' kalkolazzjoni kif msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Kummissjoni għandha tikkonsidra l-impatt tal-koeżistenza tal-kalkolazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 12, fl-Anness II u l-Anness III, fuq is-suq intern ta' l-enerġija kif ukoll tiegħu qies ta' l-esperjenzi akkwistati mill-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali.

Jekk addattat, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti ulterjuri lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill immirati lejn l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-metodi ta' kalkolazzjoni.

Artikolu 12

Kalkolazzjonijiet alternattivi

1. Sa l-aħħar ta' l-2010 u bla ħsara għall-approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jużaw metodi oħra minn dak previst fl-Anness II(b) biex jnaqqsu l-produzzjoni ta' l-elettriċità possibbli li ma ġietx prodotta fil-proċess ta' koġenerazzjoni mill-figuri rapportati. Madankollu, għall-finijiet msemmija fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 10(3), il-kwantità ta' elettriċità minn koġenerazzjoni għandha tiġi determinata skond l-Anness II.

2. L-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw it-tfaddil ta' enerġija primarja mill-produzzjoni ta' sħana u elettriċità u enerġija mekkaniċa skond l-Anness III(c), mingħajr ma jużaw l-Anness II biex jeskludu l-partijiet ta' sħana u elettriċità mhux koġenerati ta' l-istess proċess. Produzzjoni bħal din tista' tiġi meqjusa bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja bil-kondizzjoni li hi taderixxi mal-kriterja ta' effiċjenza fl-Anness III(a) u, għal unitajiet ta' koġenerazzjoni b'kapaċità elettrika ikbar minn, l-effiċjenza totali hija 'il fuq minn 70 %. Madankollu, speċifikazzjoni tal-kwantità ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni prodotta fi produzzjoni bħal din,

għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini u għal skopijiet statistiċi, għandhom ikunu determinati skond l-Anness II.

3. Sa l-aħħar ta' l-2010, l-Istati Membri jistgħu, billi jużaw metodoloġiji alternattivi, jiddefinixxu koġenerazzjoni bħal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja mingħajr ma' jivverifikaw li l-produzzjoni tal-koġenerazzjoni taderixxi ma' l-Anness III(a), jekk ikun pruvat fuq livell nazzjonali li l-produzzjoni ta' koġenerazzjoni didentifikata b'metodoloġija ta' kalkolazzjoni alternattiva bħal din fuq medja taderixxi mal-kriterja fl-Anness III(a). Jekk garanzija ta' oriġini hija maħruġa għal produzzjoni bħal din mela l-effiċjenza tal-produzzjoni ta' koġenerazzjoni speċifikata fuq il-garanzija m'għandhix tkun iktar mill-limitu ta' valuri tal-kriterja fl-Anness III(a) kemm-il darba l-kalkolazzjonijiet skond l-Anness III jippruvaw mod ieħor. Madankollu, speċifikazzjoni tal-kwantità ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni prodotta fi produzzjoni bħal din, għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini u għal skopijiet statistiċi, għandha tkun determinata skond l-Anness II.

Artikolu 13

Reviżjoni

1. Il-limitu ta' valuri użati għall-kalkolazzjoni ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni msemmija fl-Anness II(a) għandhom ikunu addottati għal progress tekniku skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

2. Il-limitu ta' valuri għal kalkolazzjoni ta' effiċjenza tal-produzzjoni ta' koġenerazzjoni u tfaddil ta' enerġija primarja msemmija fl-Anness III(a) għandhom jkun addattati għal progress tekniku skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. Il-linji gwida biex jistabilixxu l-proporzjon ta' enerġija elettrika u enerġija termali msemmija fl-Anness II(d) għandhom jkunu addattati għal progress tekniku skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 14

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 15

Trasposizzjoni

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-21 ta' Frar 2006. Huma għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom jkollhom fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu l-metodi li jagħmlu referenza bħal din.

Artikolu 16

Emendament għad-Direttiva 92/42/KEE

L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/42/KEE:

“— unitajiet ta' koġenerazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija(20).”

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 18

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, fil-11 ta' Frar 2004.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

F'isem il-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL

L-ANNEX I

Teknoloġiji ta' koġenerazzjoni koperti minn din id-Direttiva

- (a) Turbina tal-gass b'ċiklu kombint bl-irkupru tas-sħana
 - (b) Turbina tal-*backpressure* tal-fwar
 - (ċ) Turbina għall-estrazzjoni ta' fwar kondensat
 - (d) Turbina tal-gass bl-irkupru ta' sħana
 - (e) Magna tal-kombustjoni interna
 - (f) Mikroturbini
 - (g) Magni ta' l-istirling
 - (h) Ċelloli tal-karburant
 - (i) Magni tal-fwar
 - (j) Ċikli organiċi Rankine
 - (k) Kull tip ieħor ta' teknoloġija jew tagħqid tiegħu li jaqa' taħt id-definizzjoni stabbiltà fl-Artikolu 3(a)
-

L-ANNEX II

Kalkolazzjoni ta' elettriċità minn koġenerazzjoni

Il-valuri użat għal kalkolazzjoni ta' elettriċità minn koġenerazzjoni għandhom ikunu determinati fuq il-bażi ta' l-operat ta' l-unità mistenni jew jew attwali taħt kondizzjonijiet ta' l-użu normali. Għall-unitajiet ta' mikro-koġenerazzjoni l-kalkolazzjoni tista' tkun bbażata fuq valuri ċertifikati.

- (a) Il-produzzjoni ta' l-elettriċità mill-koġenerazzjoni għandha tkun ikkonsidrata ugwali għall-produzzjoni ta' elettriċità annwali totali ta' l-unità mkejla fl-iżbokk tal-ġeneraturi prinċipali;
- (i) fil-koġenerazzjoni unitajiet ta' tip (b), (d), (e), (f), (g) u (h) msemmija fl-Anness I, b'effiċjenza annwali totali stabbilita mill-Istati Membri flivell ta' mill-inqas 75 %, u
- (ii) fil-koġenerazzjoni unitajiet ta' tip (a) u (c) msemmija fl-Anness I b'effiċjenza annwali totali stabbilita mill-Istati Membri flivell ta' mill-inqas 80 %.
- (b) Fil-koġenerazzjoni unitajiet b'effiċjenza annwali totali taħt il-valur msemmi fil-paragrafu (a)(i) (unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' tip (b), (d), (e), (f), (g), u (h) msemmija fl-Anness I) jew b'effiċjenza annwali totali taħt il-valur msemmi fil-paragrafu (a)(ii) (unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' tip (a) u (c) msemmija fl-Anness I) koġenerazzjoni hija kkalkolata skond il-formula li ġejja:

$$E_{\text{CHP}} = H_{\text{CHP}} \cdot C$$

fejn:

E_{CHP} huwa l-ammont ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni

C huwa l-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali

H_{CHP} huwa l-ammont ta' sħana utlimill-koġenerazzjoni (kalkolat għal dan l-iskop bħala produzzjoni ta' sħana totali nieqes xi sħana prodotta ftankijiet separati jew b'estrazzjoni ta' fwar ħaj minn ġeneraturi tal-fwar qabel it-turbina).

Il-kalkolazzjoni ta' l-elettriċità mill-koġenerazzjoni trid tkun bbażata fuq il-proporzjon attwali ta' enerġija elettrika għal enerġija termali. Jekk il-proporzjon attwali ta' enerġija elettrika għal enerġija termali ta' l-unità tal-koġenerazzjoni mhuwiex magħruf, il-valuri kontumaċja li ġejjin jistgħu jiġu użati, notevolment għal skopijiet statistiċi, għal unitajiet ta' tip (a), (b), (c), (d), u (e) msemmija fl-Anness I bil-kondizzjoni li l-elettriċità tal-koġenerazzjoni kkalkolat huwa inqas jew ugwali għal produzzjoni ta' elettriċità totali ta' l-unità:

Tip ta' unità	Il-proporzjon kontumaċja ta' enerġija elettrika għal enerġija termali, C
Turbina tal-gass b'ċiklu kombint bl-irkupru tas-sħana	0,95
Turbina tal-backpressure tal-fwar	0,45
Turbina għall-estrazzjoni ta' fwar kondensat	0,45
Turbina tal-gass bl-irkupru ta' sħana	0,55
Magna tal-kombustjoni interna	0,75

Jekk l-Istati Membri jintroduċu l-valuri kontumaċja għall-proporzjonijiet power to heat għall-unitajiet ta' tip (f), (g), (h), (i), (j) u (k) msemmija fl-Anness I, kontumaċja valuri bħal dawn għandhom jiġu ppubblikati u għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

- (c) Jekk sehem tal-kontenut ta' l-enerġija tad-dħul tal-karburant għal proċess ta' koġenerazzjoni huwa rkuprat f'kimiċi u riċiklat dan is-sehem jista' jiġi mnaqqas mid-dħul ta' karburant qabel tiġi kkalkolata l-effiċjenza totali użat f'paragrafi (a) u (b).
- (d) L-Istati Membri jistgħu jstabilixxu l-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali bħala l-proporzjon bejn elettriċità ushana utlimeta jaħdem fil-mod ta' koġenerazzjoni b' kapaċità iktar baxxa li jużaw pian operazzjonali data ta' unità speċifika.
- (e) Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2), tistabbilixxi linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-Anness II, inklużi d-determinazzjoni tal-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali.
- (f) L-Istati Membri jistgħu jużaw perjodi ta' rapportaġġ oħra flok sena għal fini tal-kalkolazzjonijiet skond il-paragrafi (a) u (b).

L-ANNESS III

Metodoloġija biex tistabilixxi l-effiċjenza tal-proċess ta' koġenerazzjoni

Valuri użati għall-kalkolazzjoni ta' l-effiċjenza ta' koġenerazzjoni u tfaddil ta' enerġija primarja għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' l-operat ta' l-unità mistenni jew attwali taħt kondizzjonijiet ta' l-użu normali.

(a) *Koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja*

Għall-fini ta' din id-Direttiva koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandha taderixxi mal-kriterja li ġejja:

- Produzzjoni ta' koġenerazzjoni prodotta minn unitajiet ta' koġenerazzjoni għandhom jipprovdu tfaddil ta' enerġija primarja kalkolati skond punt (b) ta' mill-inqas 10 % komparati mar-referenzi għal produzzjoni separata ta' sħana u elettriċità,
- produzzjoni minn unitajiet ta' skala żgħira u mikro koġenerazzjoni li jipprovdu tfaddil ta' enerġija primarja jistgħu jikkwalifikaw bħal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

(b) *Kalkolazzjoni ta' tfaddil ta' enerġija primarja*

L-ammont ta' tfaddil ta' enerġija primarja provdut mill-produzzjoni ta' koġenerazzjoni definit skond l-Anness II għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-formula li ġejja:

$$PES = \left(1 - \frac{1}{\frac{CHP H\eta}{Ref H\eta} + \frac{CHP E\eta}{Ref E\eta}} \right) \times 100 \%$$

Fejn:

PES hija tfaddil ta' enerġija primarja.

CHP H η hija l-effiċjenza tas-sħana tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definita bħala produzzjoni ta' sħana utli annwali diviża bid-dħul ta' karburant użat biex tipproduċi s-somma ta' produzzjoni ta' sħana u elettriċità mill-koġenerazzjoni.

Ref H η huwa l-valur tar-referenza ta' l-effiċjenza għall-produzzjoni separata ta' sħana.

CHP E η hija l-effiċjenza elettrika tal-produzzjoni ta' koġenerazzjoni definita bħala elettriċità annwali minn koġenerazzjoni diviż bid-dħul ta' karburant biex jipproduċi s-somma tal-produzzjoni ta' sħana utli u elettriċità minn koġenerazzjoni. Fejn unità ta' koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriċità annwali mill-koġenerazzjoni jista' jkun mkabbar b' element addizzjonali li jirrapreżenta l-ammont ta' elettriċità li huwa ekwivalenti għal dak ta' l-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali mhuwiex ser joħloq dritt għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini skond l-Artikolu 5.

Ref E η huwa l-valur ta' referenza ta' effiċjenza għal produzzjoni ta' elettriċità separata.

(c) *Kalkolazzjonijiet tat-tfaddil ta' l-enerġija savings bl-użu ta' kalkolazzjoni alternattiva skond l-Artikolu 12(2)*

Jekk it-tfaddil ta' enerġija primarja għall-proċess huma kkalkolati skond l-Artikolu 12(2) it-tfaddil ta' enerġija primarja għandhom jiġu kkalkolati using il-formula fil-paragrafu (b) ta' dan l-Anness li tbidel:

“CHP H η ” ma “H η ” u

“CHP E η ” ma “E η ”,

fejn:

H η għandha tfisser l-effiċjenza tas-sħana tal-proċess, definita bħala l-produzzjoni ta' sħana annwali diviża bid-dħul ta' karburant użat biex tipproduċi s-somma ta' produzzjoni ta' sħana u produzzjoni ta' elettriċità.

E η għandha tfisser l-effiċjenza ta' l-elettriċità tal-proċess, definit bħala l-produzzjoni ta' l-elettriċità annwali diviża bid-dħul tal-karburant użat biex jipproduċi s-somma tal-produzzjoni ta' sħana u produzzjoni ta' l-elettriċità. Billi l-unità ta' koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriċità annwali mill-koġenerazzjoni jista' jiġi mkabbar b'element addizzjonali li jirrapreżenta l-ammont ta' elettriċità li huwa ekwivalenti għal dak ta' l-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali mhuwiex ser joħloq dritt għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini skond l-Artikolu 5.

(d) *L-Istati Membri jistgħu jużaw perijodi ta' rapportaġġ oħra flok sena għal fini tal-kalkolazzjonijiet skond il-paragrafi (b) u (c) ta' dan l-Anness.*

(e) Għall-unitajiet tal-mikro-koġenerazzjoni l-kalkolazzjoni ta' tfaddil ta' enerġija primarja tista' tkun ibbażata fuq data ċertifikata.

(f) *Valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza għall-produzzjoni ta' sħana separate*

Il-prinċipji għad-definiment tal-valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' sħana u elettriċità msemmija fl-Artikolu 4(1) u fil-formula ddikjarata fil-paragrafu (b) ta' dan l-Anness għandhom jistabbilixxu l-effiċjenza ta' l-operat tal-produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriċità li l-koġenerazzjoni hija intiża li tissostitwixxi.

Il-valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza għandhom jiġu kkalkolati skond il-prinċipji li ġejjin:

1. Għall-unitajiet ta' koġenerazzjoni kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragun mal-produzzjoni ta' elettriċità separata għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li l-istess kategoriji ta' karburant huma paragonati.
 2. Kull unità ta' koġenerazzjoni għandha tiġi paragonata mat-teknoloġija l-iktar li qiegħda għad-dispożizzjoni u ekonomikament ġustifikabbli għall-produzzjoni separata ta' sħana u elettriċità fuq is-suq fis-sena tal-konstruzzjoni ta' l-unità ta' koġenerazzjoni.
 3. Il-valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza għall-unitajiet ta' koġenerazzjoni ikbar minn 10 snin għandhom jiġu ffissati fuq il-valuri ta' referenza ta' unitajiet ta' 10 snin.
 4. Il-valuri ta' referenza ta' l-effiċjenza għal produzzjoni ta' elettriċità separata u produzzjoni ta' sħana għandhom jirrifletu d-differenzi klimatiċi bejn l-Istati Membri.
-

L-ANNEX IV

Kriterja għall-analiżi tal-potenzali nazzjonali għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja

- (a) L-analiżi tal-potenzali nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6 għandha tikkonsidra:
- it-tip ta' karburanti li x'aktarx ser jiġu użati biex jirrealizzaw il-potenzali tal-koġenerazzjoni, inklużi konsiderazzjonijiet fuq il-potenzal għaż-żieda fl-użu ta' egħjun t' enerġija li tiġġedded fis-swieq tas-sħana nazzjonali via koġenerazzjoni,
 - it-tip ta' teknoloġiji ta' koġenerazzjoni kif elenkati fl-Anness I li x'aktarx ser jiġu użati biex jirrealizzaw il-potenzal nazzjonali,
 - it-tip ta' produzzjoni separata tas-sħana u elettricià jew, fejn prattikabbli, enerġija mekkanika li l-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja x'aktarx tissostitwixxi,
 - diviżjoni tal-potenzal f'immodernizzar tal-kapaċità eżistenti u l-kostruzzjoni ta' kapaċità ġdida.
- (b) L-analiżi għandha tinkludi mekkaniżmi addattati biex jagħmlu stima tal-effettiv, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż skond it-tfaddil ta' enerġija primarja – li żżid is-sehem tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja fit-taħlita ta' l-enerġija nazzjonali. L-analiżi tal-effettiv, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż għandha tieħu qies ukoll ta' l-impenji nazzjonali aċċettati fil-kuntest ta' l-impenji tal-kambjament tal-klima aċċettati mill-Komunità skond il-Protokoll ta' Kyoto għal Kwadru tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjament fil-Klima.
- (c) L-analiżi tal-potenzal tal-koġenerazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika il-potenzali b'relazżjoni ma' l-isparzi ta' żmien 2010, 2015 u 2020 u tinkludi, fejn possibbli, stimi ta' spejjeż addattati għal kull spazju ta' żmien.
-